



Brussell, 1 ta' Marzu 2024
(OR. en)

6515/24

LIMITE

ENER 70
ATO 7
POLCOM 52
FDI 14
SERVICES 14

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-ħruġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija - Tnejn għall-adozzjoni

1. Fis-7 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-ħruġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mit-Trattat tal-Karta tal-Energija¹.
2. Il-proposta ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fil-5 ta' Settembru 2023, fit-13 u fl-20 ta' Frar 2024, u dan wassal għal proposta riveduta. Il-bidliet jidhru fid-dok. 6514/24.

¹ 11691/23

3. Hija l-intenzjoni tal-Presidenza li, qabel ma l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni u l-Euratom mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija jiġu ppreżentati lill-Kunsill għall-adozzjoni finali, soġġett għall-kunsens tal-Parlament Ewropew għall-parti tal-Unjoni, il-Kunsill għandu jkun lesta b'mod parallel il-proċess għall-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Euratom fil-laqgħa rilevanti tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija li ma teżerċitax id-dritt tal-vot tal-Unjoni/Euratom u li jawtorizzaw lill-Istati Membri biex japprovaw jew ma jopponux it-Trattat modernizzat tal-Karta tal-Enerġija, dan bil-ħsieb li finalment jadotta l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill kollha mill-Kunsill fl-istess data.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-ħruġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija kif jinsab fid-dok. 6514/24;
 - jaqbel li jippreżenta t-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-ħruġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, lill-Kunsill għall-adozzjoni bħala punt A f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.